# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM 20 TA' MEJJU 2019

**Kawża Numru:11**

**Rik. Gur. 1142/2017 RGM**

## Gasan Enterprises Limited

## vs.

## Lawrence Cassar

**Il-Qorti:**

**Introduzzjoni**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-socjeta` attrici** prezentat fil-21 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. "Fil-11 t'Awwissu 2011, il-kumpannija rikorrenti biegħet vettura użata, Peugeot bin-numru ta' identifikazzjoni ('VIN') VF33A8HZB83003246 (il-"**Vettura**") lil-konvenut Lawrence Cassar għall-prezz kumplessiv ta' seba' telef, tmien mija u sebgħa u ħamsin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€7,857.21) (ara t-tieni paġna tal-ftehim hawn anness u mmarkat bħala Dok "GEL 1").

2. Skont il-kundizzjonijiet maqbula, l-konvenut kellu jħallas bin-nifs fuq medda ta' sitta u tletin (36) xahar. Il-konvenut iffirma sitta u tletin (36) kambjala favur il-kumpannija rikorrenti fejn ħamsa u tletin (35) minnhom għandhom valur ta' mitejn u tmientax-il Ewro (€218) u waħda (1) għandha valur ta' mitejn u sebgħa u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€227.21); li b'kollox jammontaw għal valur imsemmi fil-kuntratt.

3. Il-konvenut ħallas biss tlett elef, seba' mija u sebgħin Ewro (€3,770) bl-aħħar pagament li sar fid-19 t'Awwissu 2014 (ara r-rendikont ta' ħlasijiet annessa bħala Dok. "GEL 2" (A) u (B) rispettivament). Minkejja diversi attentati biex il-kumpannija tipprova tiġbor il-pendenzi, il-konvenut xorta waħda baqa' ma jħallasx (ara kopja tal-ittra uffiċjali numru 3185/2016 annessa bħala Dok. "GEL 3") anke wara l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (numru 677/2017 anness bħala Dok. "GEL 4").

4. Sal-10 ta' Novembru 2017, il-bilanċ pendenti huwa ta' ħamest elef, disa' mija u tnax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€5,912.10) magħmul minn:

    a. €4,591.26 kapital ("GEL 2" (C));
    b. €827 interessi ("GEL 2" (D));
    c. €493.84 spejjeż legali (inkl. VAT ara kopja tat-taxxi għall-ispejjeż fuq l-ittra uffiċjali u l-mandat ta' sekwestru annessi u mmarkati bħala Dok. "GEL 5").

5. Il-Vettura għadha fil-pussess u rreġistrata f'isem il-konvenut.

6. Il-Vettura tilfet mill-valur tagħha u, tul il-proċeduri, ser tkompli titlef mill-valur tagħha u tiġarrab il-ħsara mill-użu.

7. Skont klawsola 4 tal-ftehim (Dok "GEL 1"), il-kumpannija rikorrenti rriżervat is-setgħa biex terġa tieħu lura l-propjeta' u l-pussess tal-Vettura, skont il-liġi, f'każ fejn ix-xerrej jonqos milli jħallas.

8. Illi l-kumpannija rikorrenti qed tiftaħ din il-kawża sabiex teżerċita d-drittijiet tagħha riżervati fil-ftehim hawn fuq imsemmi u l-liġi u tieħu lura l-Vettura fil-propjeta' tagħha.

Għaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Preliminarjament u minħabba n-natura ta' l-oġġett, tordna li l-Vettura tiġi ddepożitata fil-pussess tal-kumpannija rikorrenti waqt il-pendenza tal-kawża quddiem din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 949 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet u / jew tieħu dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni sabiex il-Vettura ma ġġarrabx ħsara u sabiex il-valur, kemm jista' jkun, ma jonqosx iktar;

ii. Tiddikjara illi l-Vettura hija proprjeta' tal-kumpannija rikorrenti skont il-liġi u skont il-ftehim bejn il-partijiet.

iii. In vista' tat-tieni talba, tordna li jsir il-bdil neċċessarju fid-dettalji tal-*log book* tal-Vettura sabiex il-Vettura tiġi reġistrata f'isem il-kumpanijja rikorrenti minflokk f'isem l-intimat.

iv. Tordna lill-konvenut sabiex jagħmel dawk l-atti kollha meħtieġa u jidher sabiex jiġi effettwat il-bdil mitlub fit-tielet talba.

v. Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti hija kreditriċi tal-intimat fis-somma ta' ħamest elef, disa' mija u tnax-il Ewro u għaxar ċenteżmi (€5,912.10).

vi. Tillikwida l-valur tal-Vettura u tordna lill-konvenuta tħallas id-differenza li tirriżulta bejn il-valur tal-Vettura, kif stabbilit, u l-ammont dovut lil-kumpannija rikorrenti skont il-ħames talba.

vii. Tillikwida l-ammont, jekk hemm, u tordna il-ħlas ta' pendenzi fuq multi u liċenzji li hemm fuq il-Vettura mill-konvenut ma' l-awtorita' għat-Trasport f'Malta;

viii. Tinnomina kuraturi deputati sabiex okkorrendo jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi u jgħamlu dawk l-atti kollha meħtieġa minnhu;

Bl-ispejjeż u bl-interessi legali.

B'riserva ta' kull dritt u rimedju inkluż għal danni li għadhom qed jiġu kkawżati."

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat izda ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk jiinsab kontumaci.

Semghat it-testimonjanza ta' Anne Marie Schembri li tahdem fil-*credit control department* tas-socjeta' attrici, u ta' Stephen Cachia, *administrator* fid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art li tifforma parti mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, prodotti mis-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza tinsab differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi l-kontumacja ma hiex ammissjoni izda ghandha titqies mill-Qorti bhala kontestazzjoni u ghalhekk anke f'kawza fejn il-konvenut hu kontumaci tapplika ir-regola illi min jallega jrid jipprova - ***qui allegat probat.*** Artikolu 562 tal-Kap. 12 jipprovdi illi "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega."

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "**Rea Ceramics Limited vs Kunsill Malti ghall-Isport et.** " moghtija fit-18 ta' Lulju 2014, "....kif jghid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-konvenut kontumaci jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur, u dan fuq il-principju li l-kontumacja mhijiex ammissjoni jew semplici *walk-over* izda hija kontestazzjoni u allura xorta wahda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tat-talba tieghu."

L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, moghtija fis-27 ta' Gunju, 1953 "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."

**Il-Provi**

Fil-11 ta' Awissu 2011 is-socjeta' attrici bieghet vettura tal-marka Peugeot lill-konvenut ghall-prezz komplessiv ta' €7,857.21. Il-bejgh sehh permezz ta' kuntratt li gie intitolat *"Sale with reserved ownership",* kopja ta' liema tinsab ezebita a fol. 6 tal-process filwaqt li l-konvenut iffirma numru ta' kambjali sabiex ikopru l-pagamenti rateali mifthema bejn il-partijiet.

Il-bejgh sar bil-kondizzjoni *inter alia* illi "The vehicle shall remain the absolute and sole property of the Company until all payments due under this Agreement have been duly effected. Accordingly, the Customer shall not sell or lose effective control or in any other way dispose of the Vehicle or otherwise export from the Islands of Malta even temporarily the Vehicle without the prior consent of the Company, which consent may be withheld by the company at its sole discretion until such time as ownership shall vest in the Customer in accordance with the provisions of this agreement.”.

Jirrizulta illi mill-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa hallas €3,770.00 u waqaf jaghmel aktar pagamenti. L-ahhar pagament effettwat mill-konvenut sar fid-19 ta' Awissu 2014. Fit-22 ta' Dicembru 2016 is-socjeta attrici ipprezentat ittra ufficjali (numru 3191/2016) kontra l-konvenut fejn interpellatu jhallas is-somma ta' €4,805.21 rapprezentanti import ta' kambjali iffirmati u accettati mill-konvenut favur is-socjeta' attrici liema kambjali kienu baqghu mhux imhallsa nonostante li skadew. Fl-istess ittra ufficjali s-socjeta' attrici iddikjarat illi l-ittra ufficjali kienet qed issir ukoll sabiex tirrendi ezegwibbli l-kambjali iffirmati mill-konvenut u dan a ternur tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12. L-ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenut fl-24 ta' Jannar 2017. Fis-7 ta' April 2017 is-socjeta' attrici ipprezentat sekwestru numru 677/17 kontra l-konvenut ghas-somma ta' €4,805.21 kapital, €867.01 imghax u €493.84 spejjez legali. Fost is-sekwestratarji gie indikat Transport Malta li b'ittra lir-Registratur datata 12 ta' April 2017 informat illi "...d-Direttorat ha l-mizuri ristrettivi rigward it-trasferiment tal-vettura registrata fuq is-sekwestrat."

Anne Marie Schembri ghas-socjeta' attrici kkonfermat il-prospett ezebiet a fol. 9 tal-process minn fejn jirrizulta illi l-ammont totali dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici huwa ta' €5,418.26

Stephen Cachia ghal Transport Malta xhed illi l-vettura de quo ghadha licenzjata fuq il-konvenut Lawrence Cassar u ilha hekk registrata mill-10 ta' Awissu 2011; l-ahhar licenzja valida fuq il-vettura skadiet fil-31 ta' Lulju 2017;ipprezenta kopja tal-log book meta l-vettura giet trasferita fuq il-konvenut; u li fuq il-vettura kien hemm pendenti s-somma ta' €151.41 rapprezentanti multi relatati ma' kontravvenzjonijiet; €320.00 licenzji mhux imhallsa ghas-snin 2018 u 2019; u €100 *late licence payment,* b'kollox €571.00.[1]

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel talba taghha s-socjeta' attrici qed titlob li bis-sahha tal-Artikolu 949 tal-Kap. 12 il-Qorti tohrog ordni sabiex il-vettura tigi depozitata fil-pussess tal-kumpanija attrici waqt il-pendenza tal-kawza.

**Artikolu 949 tal-Kap 12** citat mis-socjeta' attrici jipprovdi kif gej:-

"949. (1) Il-qrati jistgħu jagħmlu regoli speċjali dwar il-lok li fih għandhom jitqiegħdu d-depożiti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, u dwar l-irfigħ kif imiss tal-ħwejjeġ iddepożitati. (2) Meta l-ħwejjeġ maqbuda jkunu hekk kbar jew hekk numerużi illi jieħdu ħafna wisa', inkella, jekk ma jkunx hemm iżjed post fil-lok maħtur mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, iddepożitant għandu, bi spejjeż tiegħu, jaħseb għal lok ieħor li jkun jogħġob lir-reġistratur, bla ħsara tal-jedd, f'kull każ bħal dan, jekk ikun hemm, li jieħu lura dawk l-ispejjeż, mingħand il-parti li favur tagħha jkun sar id-depożitu, jew mingħand oħrajn li jkollhom interess."

Ma jirrizultax illi l-artikolu 949 jaghti d-dritt reklamat mis-socjeta' attrici fl-ewwel talba. Ma rrizultax ghaliex is-socjeta' attrici ma pprocedietx kontestwalment mal-kawza bil-hrug ta' mandat ta' qbid fuq il-vettura de quo, aktar u aktar meta jidher li gia' tgawdi minn titolu ezekuttiv kontra l-konvenut. Jidher mill-atti illi fil-kors tal-kawza s-socjeta' attrici ma hadet l-ebda passi fir-rigward tant illi filwaqt li fin-nota taghha tal-1 ta' Marzu 2018[2] indikat illi "Jista' jaghti l-kaz li jkun hemm bzonn ta' hatra ta' perit tekniku sabiex jevalwa l-valur tal-vettura ghal finijiet tat-talbiet", fil-pendenza tal-kawża l-ebda talba ghal hatra

[1] Prospett a fol. 82
[2] Fol 68

ta' perit tekniku ma saret u l-ebda prova ma tressqet dwar fejn tinstab il-vettura de quo u x'valur illum ghandha.

Ghalhekk il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tiddikjara x'inhu l-valur attwali tal-vettura de quo.

Klawsola 4 tal-kuntratt "*Sale with reserved ownership"* tipprovdi illi:-

"*4.1 Should the Customer be in default of the payment of any amount due, or any of his/her commitments and undertaking as per this Agreement, the Company shall have the right:*

*4.1.1 to enforce the full payment of any balance and accrued interest still outstanding; and/or*

*4.1.2 to withdraw the vehicle from the possession of the Customer provided that the Company sends notice by registered post to the Customer at his/her last known address in accordance with the law*."

Il-Qorti tinnota illi fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma jissemma xejn x'jigri fl-eventwalita' li l-"hire purchaser" ikun moruz u s-socjeta' attrici tirtira il-vettura minghand il-konvenut u tohodha fil-pussess taghha. Skond l-**Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur u ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta),** u ghal finijiet ta' dik l-Ordinanza, sid ta' vettura li hija l-oggett ta' kuntratt ta' hire purchase tfisser "il-persuna fil-pussess tal-vettura taht dak il-kuntratt."

Tenut kont illi mill-atti ma jirrizultax fejn tinstab il-vettura, u tenut kont ukoll illi ma jirrizultax il-valur attwali taghha, il-Qorti ma hiex f'posizzjoni illi tnaqqas il-valur tal-vettura mill-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici. Konsegwentement, stante illi s-socjeta' attrici qeghda titlob li tigi kanonizzata kreditrici tal-konvenut fl-ammont bilancjali kollu, tali talba tikkuntrasta mat-talba attrici sabiex il-Qorti tordna li l-vettura tinghata lis-socjeta' attrici inkluz ir-registrazzjoni taghha. Ma hux konsentit illi l-venditur *f'hire purchase agreement* jiltob sew l-ammont bilancjali kollu dovut kif ukoll il-pussess tal-vettura mibjugha.

Spjanat 'il fuq premess, huwa minnu illi una volta l-konvenut huwa moruz fil-hlasijiet dovuti lis-socjeta' attrici, is-socjeta' attrici ghandha dritt tenforza l-kuntratt ta' bejn il-partijiet inkluz li tiehu l-pussess tal-vettura de quo u li tigi dikjarata s-sid tal-istess vettura. Il-valur taghha ghandu pero' jitnaqqas mill-ammont li s-socjeta' attrici tiehu minghand il-konvenut.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li l-kawza qed tigi fi tmimha llum.

2. Tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici.

3. Tipprovdi dwar il-kumplament tat-talbiet attrici bil-mod segwenti: tiddikjara illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' hamest elef, disa' mija u tnax-il ewro u ghaxar centezmi (€5,912.10); tordna illi mal-qbid tal-vettura de quo minghand il-konvenut, jitqabbad espert tekniku sabiex jaghti valur lill-istess vettura; tiddikjara illi b'addizzjoni mal-ammont dovut kif fuq stabbilit hemm ukoll dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u sebghin ewro (€571) rapprezentanti licenzji mhux imhallsa, kontravvenzjonijiet u penali.

Bl-imghax legali mill-10 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u b'rizerva favur is-socjeta' attrici ta' kull dritt inkluz ghad-danni kontra l-konvenut.

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |